# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **46/2022**

## MELITA POWER DIESEL LIMITED (C 23376)

**VS**

## IL-BASTIMENT 'BASTION 4'
## (NUMRU UFFIĊJALI 49512193)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għal dikjarazzjoni illi l-bastiment intimat 'Bastion 4' huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' €127,254.15, u ordni sabiex jitħallas l-istess amont dovut mill-bastiment intimat lis-soċjeta' rikorrenti, liema talba saret permezz ta' rikors tas-soċjeta' Melita Power Diesel Limited preżentat fit-tmintax (18) ta' Jannar 2022 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentata nhar it-tmintax (18) ta' Jannar 2022, Pierre Balzan, in rappreżentanza tas-soċjeta' Melita Power Diesel Limited, ikkonferma bil-ġurament tiegħu is-segwenti:

   a. Illi fix-xhur ta' Settembru 2020 sa Diċembru tas-sena 2021, is-soċjeta' rikorrenti Melita Power Diesel Limited eżegwiet xogħolijiet u kif ukoll forniet materjal lill-bastiment intimat 'Bastion 4' in konnessjoni ma' xogħolijiet ta' tiswija ta' magni tal-istess bastiment konvenut kif rikjest mis-sid tal-bastiment intimat DG Risk Consultants Ltd;

   b. Illi simultanjament kien hemm ukoll xogħolijiet fuq bastiment ieħor bl-isem 'Bastion 5', u għalhekk l-*invoices* in kwistjoni inizjalment kienu maħruġa fuq iż-żewġ bastimenti Bastion 4 u Bastion 5;

   c. Illi minħabba li s-soċjeta' kellha tistitwixxi mandat ta' arrest tal-bastiment intimat 'Bastion 4', kellha toħroġ *invoices* relatati ma' 'Bastion 4' separatament, u fil-fatt dawn l-*invoices* ġew aġġornati f'dan is-sens f'Diċembru 2021 u qegħdin annessi mal-mandat ta' arrest ppreżentat fit-30 ta' Diċembru 2021;

   d. Illi l-bastiment intimat bħalissa jinsab fil-Mediterranean Maritime Hub, Xatt il-Mollijiet, Marsa, u l-aġent responsabbli għall-imsemmi bastiment intimat hawn Malta hija s-soċjeta' AV8 Ltd, numru ta' reġistrazzjoni C 61508;

   e. Illi r-rikorrenti hija kreditriċi tal-bastiment intimat 'Bastion 4' fis-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€127,254.15) bħala bilanċ tal-prezz ta' xogħolijiet reżi fir-rigward tal-magni tal-bastiment intimat 'Bastion 4' kif ukoll għall-materjal fornit fuq inkarigu tas-sid tal-bastiment intimat;

   f. Illi minkejja li l-fatturi msemmija ntbagħtu lir-rappreżentanti tal-bastiment, is-soċjeta' rikorrenti interpellat diversi drabi lill-istess

bastiment sabiex iħallas il-bilanċ hekk dovut, iżda huwa baqa' inadempjenti;

g. Illi l-imsemmi ammont ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€127,254.15) huwa dejn ċert, likwidu u dovut, u li ma jikkostitwixxix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mill-bastiment intimat lir-rikorrenti, u għalhekk fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma tal-istess soċjeta' rikorrenti, il-bastiment intimat ma għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-ammont imsemmi;

h. Illi l-kreditu dovut lis-soċjeta' attriċi huwa kreditu in rem ai termini tal-Artikolu 742B(o) u (p) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

i. Illi l-fatti indikati fil-paragrafi tar-rikors huma magħrufin lir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti in kwantu jaf bihom fil-mansjoni tiegħu bħala direttur tas-soċjeta' rikorrenti;

3. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddeċiedi skont it-talba tad-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara lill-bastiment intimat 'Bastion 4' debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€127,254.15) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi, xogħolijiet u materjal debitament forniti lill-bastiment intimat 'Bastion 4' in konnessjoni ma' xogħolijiet ta' tiswija ta' magni tal-bastiment intimat 'Bastion 4';

iii. Konsegwentement tordna lill-bastiment intimat 'Bastion 4' iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€127,254.15)

rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi, xogħolijiet u materjal debitament forniti lill-bastiment intimat in konnessjoni ma' xogħolijiet ta' tiswija ta' magni tal-bastiment intimat, bl-imgħaxijiet legali;

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' arrest bin-numru 1923/2021 u bl-imgħaxijiet legali, kontra l-bastiment intimat 'Bastion 4';

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti Melita Power Diesel Limited datat tmintax (18) ta' Jannar 2022;

5. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe l-affidavit ta' Pierre Balzan fil-kwalita' tiegħu ta' direttur tas-soċjeta' Melita Power Diesel Limited, għaxar (10) *invoices* maħruġa mis-soċjeta' attriċi fil-konfront tal-bastiment 'Bastion 4' (**Dok MPD1**), iċ-ċertifikat tar-reġistru tal-bastiment konvenut (**Dok PB1**), u numru ta' e-mails skambjati bejn is-soċjeta' rikorrenti u lil sid il-bastiment konvenut (**Dok PB2**);

6. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 2022 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tal-Ġimgħa, ħdax (11) ta' Frar 2022, b'ordni lill-bastiment konvenut sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tas-soċjeta' attriċi, u, fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi;

7. Reġgħet rat ir-rikors tas-soċjeta' attriċi datat tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2022, illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lil din il-Qorti sabiex tawtorizza illi s-soċjeta' DG Risk Consultants Limited tiġi notifikata permezz ta' *courier* fl-Ingilterra. Din il-Qorti laqgħet it-talba permezz ta' digriet datat l-ewwel (1) ta' Frar 2022;

8. Rat il-verbal tas-seduta tal-ħdax (11) ta' Frar 2022, fejn il-partijiet qablu illi l-kawża tiġi differita għall-ħmistax (15) ta' Frar 2022 għall-kontinwazzjoni;

9. Semgħet ix-xhieda ta' Matthew Sullivan in rappreżentanza tal-bastiment konvenut mogħtija *viva-voce* waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Frar 2022, u rat il-prokura mmarkata **Dok MS1** preżentata waqt l-istess seduta, illi permezz tagħha Matthew Sullivan ġie awtorizzat jirrappreżenta s-soċjeta' DG Risk Consultants Limited fil-proċeduri odjerni u jirreġistra ammissjoni għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi;

10. Rat in-nota t'ammissjoni tal-bastiment konvenut, moqrija waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Frar 2022;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

12. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tas-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota illi kien fuq qbil tal-partijiet illi ma ngħatatx sentenza waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Frar 2022, iżda l-kawża ġiet differita darba waħda biss, għas-seduta tal-ħmistax (15) ta' Frar 2022. Kien għalhekk illi l-kawża ma ġietx deċiża b'mod definittiv waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Frar 2022 stess. Dan preċiżament kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tal-ħdax (11) ta' Frar 2022, a fol 42 tal-proċess. Sussegwentement, waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Frar 2022, il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum sabiex tingħata s-sentenza[1]. Fid-dawl tal-premess, il-Qorti **sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi**, u dana peress illi kienet is-soċjeta' attriċi stess illi rrinunzjat għaliha meta qablet illi l-kawża tiġi differita għall-ħmistax (15) ta' Frar 2022;

13. F'dak illi jirrigwarda **t-tieni u t-tielet talba** tas-soċjeta' rikorrenti, il-Qorti tinnota illi:

[1] Vide verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar 2022 a fol 43 tal-proċess.

a. Jirriżulta mill-affidavit ta’ **Pierre Balzan,** anness mar-rikors promotur, illi l-ammont dovut lis-soċjeta’ attriċi f’dak illi jirrigwarda l-bastiment ‘Bastion 4’, u cioe l-bastiment konvenut, huwa ta’ €127,254.15;

b. L-istess ammont jirriżulta wkoll mit-total tal-*invoices* annessi mar-rikors promotur u mmarkati bħala **Dok MPD1**;

c. Jirriżulta miċ-ċertifikat tar-reġistru anness mal-affidavit ta’ Pierre Balzan illi l-bastiment konvenut jappartjeni lil DG Risk Group (**Dok PB1**);

d. Jirriżulta mill-*e-mails* skambjati bejn impjegati tas-soċjeta’ rikorrenti u Karl Stott, illi huwa indikat fl-*e-mail signature* tiegħu bħala l-*fleet director* tas-soċjeta’ DG Risk, illi effettivament kien hemm pagamenti illi għadhom dovuti minn DG Risk Group lis-soċjeta’ rikorrenti. M’hemm xejn, iżda, fl-istess *e-mails* illi jindika illi dak illi kien qiegħed jiġi diskuss kien effettivament id-dejn illi kien jirrigwarda l-bastiment konvenut jew xi dejn ieħor;

e. Jirriżulta mill-prokura immarkata bħala **Dok MS1** illi Matthew Sullivan, fil-kwalita’ tiegħu ta’ Direttur ta’ Sullivan Shipping Agencies Limited, bħala aġenti tal-bastiment konvenut, ġie awtorizzat, *“to represent the **Mandator*** [u cioe, DG Risk Consultants Limited] *in the proceedings in the names “Melita Power Diesel Limited vs Il-Bastiment ‘Bastion 4’”, Sworn Application Number 46/2022/AD, currently pending before the First Hall, Civil Court of Malta and to do all that is necessary in relation to the same [hereinafter referred to as the ‘**Claim**’], **<u>including to admit the same Claim</u>**”* (emfasi ta’ din il-Qorti);

f. Irriżulta mix-xhieda ta’ Matthew Sullivan mogħtija quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta’ Frar 2022 illi l-ammont kif mitlub mis-soċjeta’ rikorrenti huwa fil-fatt dovut mill-bastiment konvenut;

g. Kien il-bastiment konvenut stess illi, permezz ta’ nota preżentata waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta’ Frar 2022, irreġistra ammissjoni;

14. **In vista tal-ammissjoni tal-bastiment konvenut, fl-ammont kif debitament konfermat ukoll bil-provi miġjuba mis-soċjeta' attriċi, <u>it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata</u> u għandha għalhekk tintlaqa';**

15. **Konsegwentement <u>għandha tintlaqa' wkoll it-tielet talba</u> tas-soċjeta' rikorrenti;**

16. F'dak illi jirrigwarda t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

    *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

    *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

17. Ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, *"kull operazzjoni dwar bastimenti u navigazzjoni"* (fit-test bl-Ingliż, *"any transaction relating to vessels and navigation"*) għandha titqies bħala att ta' kummerċ, b'dana illi, konsegwentement, id-dejn fil-każ odjern jinkwadra ruħu taħt is-sub-inċiż 1 tal-Artikolu 1141 tal-Kap 16 suċitat;

18. Il-Qorti tinnota illi ġie ritenut fir-rikors ġuramentat illi kien hemm żball fl-*invoices* relattivi, b'dana illi kellhom jiġu aġġornati f'dan is-sens f'Diċembru 2021; iżda, madanakollu, ma nġabet l-ebda prova illi effettivament il-pagamenti kienu dovuti qabel id-dati indikati fl-istess *invoices*. Filwaqt illi huwa minnu illi l-*e-mails* skambjati bejn l-impjegati tas-soċjeta' rikorrenti u

Karl Stott imorru lura għal Lulju u Settembru 2021, m'hemm xejn x'jindika fl-istess *e-mails* illi dak illi kien qiegħed jiġi diskuss kien dejn illi jirrigwarda l-bastiment konvenut, u mhux xi bastiment ieħor. Fid-dawl ta' din l-inċertezza u nuqqas ta' prova konkreta tad-data minn meta kellhom jiġu esegwiti l-obbligazzjonijiet illi għalihom daħal il-bastiment konvenut, il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr illi tikkonsidra d-data ta' kull *invoice* relattiva bħala d-data minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet legali. Tali imgħaxijiet għandhom ikomplu hekk jiddekorru sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

19. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba;

(ii) **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba tas-soċjeta' attriċi u tiddikjara illi l-bastiment intimat 'Bastion 4' huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€127,254.15) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi, xogħolijiet u materjal debitament forniti lill-bastiment intimat 'Bastion 4' in konnessjoni ma' xogħolijiet ta' tiswija ta' magni tal-istess bastiment;

(iii) **<u>Tordna</u>** lill-bastiment intimat 'Bastion 4' iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€127,254.15), bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' kull *invoice* relattiva esebita fil-proċeduri odjerni, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' arrest bin-numru 1923/2021, a karigu tal-bastiment intimat 'Bastion 4'.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**